MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1815/2001/1

**Francis Montanaro**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur, illum ghandu tmienja u tletin (38) sena gie registrat fl-Att tat-Twelid Numru 1465/1982 li estratt tieghu huwa hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. “A”, fil-kolonna "Isem il-Wild" bl-isem "Francis";

Illi skond kif jirrizulta mill-indikazzjoni fil-kolonna "Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta' l-Omm", fl-istess Att ta' Twelid, omm l-attur, illum mejta, hija Mary Rose Montanaro, imwielda Montanaro;

Illi l-missier naturali ta' l-attur, skond kif jirrizulta mill-indikazzjoni fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-Twelid tal-Missier", fl-istess Att tat-Twelid fuq imsemmi, huwa Francis Grixti;

Illi l-imsemmi Francis Grixti irrikonoxxa lill-attur bhala ibnu naturali fis-26 ta' Mejju 1998, permezz ta' dikjarazzjoni fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, li kopja taghha tinstab hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok. “B”.

Illi l-attur, sal-mewt ta' ommu fl-1992, ma kienx jaf l-identita' ta' missieru, u ghalhekk, ilu minn dejjem, u konsistentement, maghruf u msejjah mill-familjari, qraba u hbieb tieghu bhala "Francis Montanaro".

Illi recentement, l-attur skopra illi ufficjalment, huwa ma ghadux Francis Montanaro, izda sar Francis Grixti;

Illi inoltre l-attur illum qed jigi indikat bhala "Francis Grixti" ghall-finijiet tad-dokumenti u publikazzjonijiet kollha ufficjali, inkluz ir-Registru Elettorali, li kopji ta' estratt minnu hija hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok. “C”;

Illi dan l-istat ta' fatt qieghed jikkaguna inkonvenjent u pregudizzju lill-attur, kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-hajja privata u kwotidjana tieghu kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza,

Illi inoltre fit-13 ta' Novembru 2001 l-attur izzewweg lil Thappawan Chaphan, skond kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg Numru 1897/01 li kopja tieghu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. “D”, u fil-fatt, martu, lmsemmija Thappawan Chaphan ser kkollha tarbija, wild l-attur, fil-jiem li gejjin:

Illi l-istess attur talab li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur kien minn dejjem, u ghadu sal-lum, maghruf bhala "Francis Montanaro";

2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi l-attur ghandu jigi msejjah bhala "Francis Montanaro";

3. Tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid Numru 1465/1982, billi fil-kolonna "Isem u Kunjom tal-Wild", tithassar il-kelma "Grixti" u tigi sostitwita bil-kelma "Montanaro" b'dan illi l-isem u l-kunjom ta' l-attur jigu indikati bhala "Francis Montanaro", ghal kull fini u effett talLigi;

4. Tordna l-korrezzjoni relattiva tigi riflessa wkoll f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-attur, senjatament, izda mhux limitatament, fl-Att ta' Zwieg Numru 1897/01 bejn l-attur u Thappawan Chaphan, u fl-Att ta' Twelid eventwali ta' wild l-attur;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat l-affidavits tal-attur, Alfred Pisani u Joan Pisani;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.26 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

2. Illi d-dokumenti ta' statu civili huma dokumenti storici li jirriflettu l-istat legittimu u l-identita' reali tal-wild u mhux l-istat jew l-identita' li l-wild jiddeciedi li jrid jassumi anke jekk hu jaf li dan l-istat/identita' ma jirriflettux ir-realta' tal-fatti;

3. Illi fil-kaz odjern l-istat ta l-identita' reali tal-attur hija ta' Francis Grixti u mhux ta' Francis Montanaro, u dan in segwitu ghal kuntratt ta' rikonoxximent tal-1998 debitament redatt u li a bazi tieghu l-attur assuma kunjom missieru skond l-**artikolu 92(1) tal-Kap 16**;

4. Illi in vista' ta' dan l-izvilupp dwar il-paternita', l-esponent (li l-funzjoni tieghu hi BISS ta' registrazzjoni tal-atti) irregistra l-paternita' ta' Francis Grixti skond il-provvedimenti tal-**artikolu 289(1) tal-Kap 16**, bl-annotazzjonijiet kollha relattivi li titlob il-ligi u ghalhekk l-esponent dejjem agixxa fil-parametri tal-ligi;

5. Illi ghar-ragunijiet suesposti l-esponent m'ghandux ibati spejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.27 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Marzu 2002;

Rat in-nota tal-attur li biha esebixxa l-affidavits ta’ Angelo k/a Lino Fenech u Paul Galea;

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2002 bil-fakulta’ li l-attur jipprezenta nota ta’ riferenzi fi zmien 30 gurnata bin-nota/visto lid-difensur tal-kontroparti li jkollu 30 gurnata ghall-istess skop; u tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop ghas-7 ta’ Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. MERTU TAL-KAWZA</u>**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-attur numru 1465/1982 stante li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem u ghadu maghruf bil-kunjom *“Montanaro”* u mhux *“Grixti”* kif indikat fl-istess certifikat.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-attur twieled l-Ingilterra u meta kellu xi ghaxar (10) snin huwa u ommu gew

joqghodu Malta. Huwa ma kienx jaf min kien missieru u jaf li fic-certifikat tat-twelid dejjem kien hemm *"father unknown".* Ommu qatt ma qaltlu min kien missieru sakemm qabel ma mietet fl-1992 hallietlu diversi ittri ta' korrispondenza, li gew skambjati bejnha u bejn certu Francis Grixti, minn fejn l-istess attur irrealizza li dan Grixti kien il-missier naturali tieghu. B'hekk l-attur ikkuntattjah u ghalkemm Francis Grixti ammetta mieghu li kien il-missier naturali tieghu ma riedx jirrikonoxxih formalment minhabba l-familja tieghu. L-attur fetah ghalhekk proceduri gudizzjarji fl-ismijiet "Francis Montanaro vs Francis Grixti " (Cit. Nru 875/97) sabiex dan Grixti jigi dikjarat bhala l-missier naturali tieghu. Waqt il-kawza Francis Grixti mar ghand Nutar u permezz ta' dikjarazzjoni rrikonoxxa lill-attur formalment bhala ibnu. Konsegwentement fic-Certifikat tat-twelid tal-attur tnizzel bhala missieru u l-kawza giet ceduta. Illi pero' l-attur m'ghandux aktar kuntatti mal-missier naturali tieghu.

Illi ovvjament dan ir-rikonoxximent ikkomporta li kien hemm tibdil fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur u Francis Grixti gie ndikat bhala l-missier naturali tieghu bil-konsegwenza li assuma kunjomu. L-attur sostna li hadd ma' kien avzah li kien se jkun hemm dan it-tibdil ghax kieku ma kienx jinsisti mieghu li jirrikonoxxih. L-attur sar jaf bil-kambjament f'kunjomu f'cirkostanzi fejn kellu japplika mal-Bank ghal self in konnessjoni man-negozju tieghu u kien hemm certu ntoppi. Imbaghad sar jaf li n-numru tal-Karta tal-Identita' tieghu kien qed jindika kunjomu bhala "Grixti" u mhux aktar "Montanaro" u anki fir-Registru Elettorali tas-sena 2001 gie hekk registrat. Imbaghad ikkuntattja l-Ufficcju Elettorali fuq din il-kwistjoni u permezz ta' ittra datata 14 ta' Settembru 2001 (Dok. "FM 1" a fol.14 tal-process) sar jaf.

Illi l-attur qal li minhabba li ilu hajtu kollha (38 sena) maghruf bil-kunjom *"Montanaro"* hu qed isibha difficli hafna jaccetta dan it-tibdil. Kulhadd jafu b'Montanaro u d-dokumenti u c-certifikati ta' l-iskola u tan-negozju tieghu huma kollha f'isem *"Francis Montanaro".* Inoltre' qal li fit-13 ta' Novembru 2001 izzewweg u ma xtaqx illi martu u wliedu jiehdu l-kunjom "Grixti".

Illi biex isahhah il-fatt li huwa minn dejjem kien maghruf bhala *"Francis Montanaro"* gew prezentati diversi affidavits fosthom tal-hbieb tieghu Alfred u Joan Pisani; Paul Galea li ilu habib tieghu 25 sena; u ta' Angelo k/a Lino Fenech li ilu bil-*business* mal-attur ghal dawn l-ahhar sitt snin u xehed fl-affidavit tieghu li fil-*Memorandum u l-Articles of Association* l-attur hu mnizzel bhala Francis Montanaro u hu maghruf bhala tali kemm mal-korrispondenza lokali u barranija ghall-iskop tal-*business*.

Illi huwa sinifikattiv f'din il-kawza li dak li l-attur qed jitlob biex ibiddel f'din il-kawza huwa l-kunjom tieghu li jinsab registrat bhala *"Grixti"* – u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu Reg.Nru 1465/1982 esebit bhala Dok "A" a fol.6 u 7 tal-process.

Illi dan qed jinghad peress li missier l-attur indikat bhala missier it-tarbija, fl-istess certifikat huwa mnizzel bl-isem ta' Francis Grixti u huwa ghalhekk li l-kunjom tal-attur gie ndikat bhala *"Francis Grixti"* kemm fl-att tat-twelid tieghu, fil-karta tal-identita' tieghu u fir-Registru Elettorali tas-sena 2001.

Illi dan jidher li sar skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 92(1) tal-Kap. 16** li jipprovdi li:-

*"Tifel illegittimu, jekk ikun gie maghruf b'ibnu mill-missier, jiehu l-kunjom tal-missier, li mieghu jista' jzid il-kunjom ta' l-omm, diversament jiehu l-kunjom ta' l-omm."*

Illi kwindi wara li Francis Grixti rrikonoxxa lill-attur formalment li kien il-wild naturali tieghu permezz ta' dikjarazzjoni kontenuta f'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datata 26 ta' Mejju 1998 l-konsegwenza kellha tkun li l-attur jassumi kunjom il-missier naturali tieghu, u dan kif provdut fl-istess artikolu.

Illi in verita t-talba odjerna qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 tal-Kap 16**, li jirreferi ghall-talba gudizzjarja sabiex isir bdil fl-isem jew ismijiet tal-attur u mhux fuq kunjom, izda *ai fini* ta' din il-kawza din il-Qorti tirreferi ghal dak li intqal fis-

sentenza fl-ismijiet **"Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001) fejn inghad:-

*"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-**artiklu 253 tal-Kap 12** – ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra, tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "pernom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul" ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annotata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball".*

*"Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma <u>qatt</u> ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro" minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat."*

Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi, la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier naturali tieghu indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et"** (AC 29 ta' Novembru 1971) li ghaliha qed issir referenza.

Illi fil-kaz ikkwotat mill-attur fin-nota tieghu fl-ismijiet **"Leonard u Apollonia konjugi Ellul maghrufa bhala Ellul Mercer et vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JRM) Cit.Nru: 1138/01/JRM - 21 ta' Marzu 2002) hu minnu li l-Qorti qalet *"illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna",* izda l-kaz kien totalment differenti minn dak odjern.

Illi l-istess jinghad ghas-sentenzi l-ohra kollha citati mill-istess attur fosthom **"Carla De Giorgio vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Ottubru 1998); **"Eve Farrugia vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. 31 ta' Mejju 2001); **"Marguerite Zammit Maempel vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 16 ta' Mejju 2002); **"Annunziata sive Nancy Portelli vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (Q.M.S. (Ghawdex) 27 ta' Marzu 2001) u **"Albert Gatt et nomine vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. 12 ta' Dicembru 2001) fejn il-kazijiet kollha kienu jikkoncernaw bdil ta' isem, u mhux kunjom, oltre kazijiet ta' zball fir-registrazzjoni tal-istess dettalji ta' isem u/jew kunjom tal-istess attur, u dan kollu ma ghandu x'jaqsam xejn mal-fattispecie tal-kaz *de quo,* fejn ma jissussisti ebda zball.

Illi fil-fatt it-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi, ladarba jirrizulta li r-registrazzjoni tal-kunjom tieghu bhala *"Grixti"* saret skond il-ligi wara li gie rikonoxxut formalment mill-missier naturali tieghu u huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv. Xejn ma jiswa' l-argument li hu ma kienx jaf b'din il-konsegwenza ghax kieku ma kienx jinsisti mal-missier naturali tieghu biex jirrikonoxxih ghaliex l-injoranza tal-ligi mhiex skuzanti.

Illi jinghad ukoll li fil-fatt fic-citazzjoni attrici l-attur qatt ma qal jew sostna li l-kunjom indikat fic-certifikat tat-twelid u f'atti ohra ta' l-istat civili tieghu huwa zbaljat, pero' biss li dan ma huwiex konformi mal-kunjom dejjem minnu wzat sakemm gie formalment rikonoxxut. Huwa bbaza l-azzjoni tieghu illi dan l-istat ta' fatt qieghed jikkagunalu

nkonvenjent u pregudizzju, kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-hajja privata u kwotidjana tieghu; u, inoltre' li hu m'ghandu l-ebda kuntatt mal-missier naturali tieghu. Illi ovvjament dan m'huwiex bizzejjed, fl-istat tal-ligi vigenti, sabiex it-talba tieghu tigi milqugha, stante li ma giex ippruvat li sar zball fir-registrazzjoni ta' kunjom l-attur, u *di piu'* ma huwiex permess li persuna *"taddotta merto proprio dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni tas-socjeta`"-* **("Joseph Cutajar vs Dr. J. Scicluna noe" – Qorti tal-Appell –** 14 ta' Frar 1974).

Illi f'dan il-kaz jidher car li l-attur huwa bin Francis Grixti u, llum mejta, Mary Rose Montanaro, imwielda Montanaro. Skond l-**artikolu 92(1) tal-Kap.16** l-attur ghandu jiehu l-kunjom ta' missieru u ghalhekk gie korrettement registrat bhala Francis Grixti. Illi minn Dok "FM1" a fol.14 tal-process jirrizulta li l-attur gie offert mill-Kummissjunarju Elettorali Principali l-facilita' li kunjomu jidher "Grixti k/a Montanaro" minhabba l-problemi ta' banek u biex tghin fl-identifikazzjoni tieghu peress li ghal tul ta' zmien kien maghruf bhala Montanaro. Izda l-attur fic-citazzjoni ma ghamilx talba f'dan is-sens.

Illi kif sew osserva l-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu l-istat u l-identita' reali tal-attur hija ta' Francis Grixti u mhux ta' Francis Montanaro, u dan in segwitu ghal kuntratt ta' rikonoxximent tal-1998 debitament redatt u li abbazi tieghu l-attur assuma kunjom missieru skond l-**artikolu 92(1) tal-Kap.16.**

Illi fl-istess kuntratt jinghad li:-

*"il-komparenti Francis Grixti qieghed hawn formalment jirrikonoxxi bhala ibnu lil Francis Montanaro fuq imsemmi, u dan bl-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi kollha li jgib mieghu dan ir-rikonoxximent, fosthom illi l-istess tarbija indikata ggib kunjom il-komparenti Francis Grixti".*

Illi ghalhekk abbazi tal-insenjamenti jirrizulta li meta l-kunjom tal-attur tnizzel bhala *"Grixti"* u mhux aktar *"Montanaro"* dan sar korrettement skond id-disposizzjoni

ta' l-**artikolu 92(1) tal-Kap.16**, u ghalkemm din il-Qorti tifhem li l-attur kien dejjem maghruf bhala "Montanaro" (ghax fic-certifikat kien "unknown father") ladarba gie rikonoxxut formalment mill-missier naturali tieghu l-bdil f'kunjomu kienet il-konsegwenza legali li kellha ssegwi. Illi b'hekk il-korrezzjoni mitluba m'ghandhiex tigi milqugha, stante li ma jirrizultax li kien hemm zball fir-registrazzjoni tal-kunjom tal-attur.

Illi huwa wkoll rilevanti li dwar il-materja ta' korrezzjonijiet ta' kunjom dawn l-insenjamenti kollha gew ikkonfermati bis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Marcello Basile Fasolo vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru 1594/2001), u li ghaliha wkoll issir riferenza.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Jannar 2003.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Jannar 2003.**